MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## ANTHONY ELLUL

Seduta tat-13 ta' Ottubru, 2014

Citazzjoni Numru. 617/2011

**Nicholas Fenech**

**Vs**

**Wilfred Cardona**

Permezz ta' rikors guramentat prezentat fis-27 ta' Gunju 2011, l-attur ippremetta:

*1. Illi permezz tal-iskrittura datata disgha (9) ta' Mejju, elfejn u tlieta (2003) (hawn annessa u mmarkata Dok. 'A') l-esponenti xtara minghand l-intimat ix-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni EBY 478 kif hemmhekk deskritta u versu t-termini u l-kundizzjonijiet hemmhekk pattwiti;*

*2. Illi fost tali termini u kundizzjonijiet jinsab indikat li s-sussidju, il-flus tar-reklami u c-cekkijiet mahrugin fir-rigward tal-imsemmija xarabank sa mill-hdax (11) ta' Mejju, elfejn u tlieta (2003) imorru kollha ghal ghand ix-xerrej;*

*3. Illi ad insaputa tal-esponenti u b'mod ghal kollox frawdolenti u llegali, l-intimat, permezz tad-dikjarazzjoni tieghu datata hmistax (15) ta' Lulju, elfejn u disgha (2009) (hawn annessa u mmarkata Dok. 'B') irrevoka b'effett minn dik id-data stess l-awtorita' moghtija minnu li c-cekk mahrug mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku johrog fuq isem l-esponenti u ordna li c-cekk jibda johrog fuq isem ta' terzi, ossija f'isem huh Carlos Cardona dan bi ksur evidenti ta' dak patwit permezz tal-iskrittura ta' bejgh surreferita;*

*4. Illi l-intimat irrifjuta li jirrifondi lill-esponenti s-somom mhallsin mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku lil terzi fuq struzzjonijiet tieghu;*

*5. Illi lanqas m'huwa dispost l-intimat li jikkunsidra s-somom kollha imhallsin mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku bhala pagamenti akkont tas-somma illi ghadha dovuta mill-esponenti lill-intimat fir-rigward tal-bejgh tax-xarabank mill-intimat lill-esponenti;*

*6. Illi wkoll bi ksur tal-iskrittura ta' bejgh surreferita l-intimat trasferixxa x-xarabank surreferita minn fuq ismu ghal fuq isem Transport Malta u thallas minghand l-istess pagamenti akkont tali trasferiment;*

*7. Illi l-intimat irrifjuta li jirrifondi lill-esponenti l-ammonti li thallas s'issa minn Transport Malta fir-rigward tax-xarabank surreferita;*

*8. Illi lanqas m'huwa dispost l-intimat li jikkunsidra parti mis-somom imhallsin minn Transport Malta fuq ix-xarabank proprjeta' tal-esponenti ghas-saldu tas-somma illi ghadha dovuta mill-esponenti lill-intimat fir-rigward tal-bejgh tax-xarabank mill-intimat lill-esponenti;*

*9. Illi ghaldaqstant l-intimat kiser l-iskrittura ta' bejgh datata disa' (9) ta' Mejju, elfejn u tlieta (2003) billi ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-esponenti ordna lill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku sabiex tohrog ic-cekkijiet rigwardanti x-xarabank proprjeta' tal-esponenti*

*fuq isem terzi u billi trasferixxa l-istess xarabank lil Transport Malta versu l-prezz relattiv li beda jithallas lilu;*

*10. Illi lanqas m'huwa dispost l-intimat li jirrifondi lill-esponenti l-bilanc li jkun ghad fadal wara li jithallas lill-intimat mill-pagamenti maghmulin lil dan tal-ahhar minn Transport Malta l-ammont li jista' jkun dovut mill-esponenti lill-intimat fir-rigward tal-bejgh tax-xarabank mill-intimat lill-esponenti.*

*Għaldaqstant, l-attur jitlob għar-raġunijiet premessi, lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

*1. Tiddikjara li l-intimat kiser l-iskrittura ta' bejgh datata disa' (9) ta' Mejju, elfejn u tlieta (2003) billi ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-esponenti ordna lil Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku sabiex tohrog ic-cekkijiet rigwardanti x-xarabank proprjeta' tal-esponenti fuq isem terzi;*

*2. Tiddikjara li l-intimat kiser l-iskrittura ta' bejgh datata disa' (9) ta' Mejju, elfejn u tlieta (2003) ukoll billi ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-esponenti trasferixxa l-istess xarabank lil Transport Malta versu l-prezz relattiv li beda jithallas lilu;*

*3. Tordna lill-intimat jirrifondi lill-esponenti s-somom hekk imhallsin mill-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku lil terzi fuq struzzjonijiet tieghu;*

*4. Tordna lill-intimat jirrifondi lill-esponenti l-ammonti li thallas s'issa minn Transport Malta fir-rigward tax-xarabank surreferita;*

*5. Alternattivament ghat-tielet u r-raba' talba, tiddikjara li s-somom surreferiti ghandhom jigu pacuti kontra l-bilanc tas-somma li jista' jkun dovut fir-rigward tal-bejgh tax-xarabank mill-intimat lill-esponenti u;*

*6. Tordna lill-intimati sabiex jirrifondu lill-esponenti l-bilanc li jkun ghad fadal wara li jithallas lill-intimati, mill-pagamenti maghmulin lil dan tal-ahhar minn Transport Malta, l-ammont li jista' jkun dovut mill-esponenti lill-intimat fir-rigward tal-bejgh tax-xarabank mill-intimat lill-esponenti.*

Il-konvenut wiegeb (fol. 251):-

***I.*** *ILLI l-ewwel u t-tieni talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, billi m'huwiex minnu illi l-esponent kiser il-*

*pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-iskrittura tad-9 ta' Mejju 2003, gja` esebita bhala Dok. A mar-rikors guramentat promutorju;*

**II.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel u t-tieni talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, billi mhuwiex minnu illi l-vettura, ossija xarabank, bin-numru ta' registrazzjoni EBY 478, hija proprjeta`tal-istess imsemmi attur u dan billi l-iskrittura tad-9 ta' Mejju 2003 tikkontempla l-bejgh maghruf bhala hire purchase, ossija pactum cum riservata dominii, u dan f'cirkostanzi fejn l-intenzjoni tal-kontendenti fuq l-istess imsemmija skrittura kienet illi l-esponent jibqa` l-proprjetarju assolut tal-vettura de quo sakemm jithallas il-prezz baqa` ma thallasx mill-istess attur kif pattwit;*

**III.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel u t-tieni talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u ghalhekk jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, billi gjaladarba l-istess attur naqas huwa stess milli jottempra ruhhu mal-impennji minnu assunti fuq l-iskrittura tad-9 ta' Mejju 2003 - meta, inter alia, waqaf jaghmel pagamenti akkont tal-bejgh de quo - huwa ma jistax, fl-istess waqt, jippretendi illi l-esponent jadempixxi ruhhu in toto mal-impennji tieghu, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment;*

**IV.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel u t-tieni talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, billi l-istess l-attur iddekada mid-drittijiet tieghu ta' pussess u ta' uzu tal-vettura, ossija xarbank, de quo meta, inter alia, huwa waqaf jaghmel pagamenti akkont tal-bejgh de quo favur l-esponent, u sahansitra abbanduna l-obbligi tieghu ma' l-Awtorita`ghat-Trasport f'Malta u mal-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku rigwardanti r-rottot illi kellhom isiru bl-istess imsemmija xarabank, wara li din inqerdet kompletament minn nirien illi hakmuha waqt illi kienet fil-pussess tal-attur nhar il-15 ta' Awwissu 2008, hekk kif jixhed ir-rapport maghmul mal-Pulizija Ezekuttiva hawn anness u mmarkat bhala* ***DOK: XX1****, u hekk kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment;*

**V.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel u t-tielet talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, billi m'huwiex minnu illi c-cekkijiet imsemmija bdew johorgu mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku fuq isem terzi ad insaputa u minghajr il-kunsens tal-attur;*

**VI.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ewwel u t-tielet talbiet attrici huma wkoll infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, billi ic-cekkijiet li nhargu mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, inkluz dawk relatati ma' sussidji, kienu dovuti unikament lil esponent u lit-terzi li kienu effettivament qieghdin jaghmlu r-rottot li suppost kien qed jaghmel l-attur - u dan sabiex, inter alia, jigu evitati l-multi relattivi li l-istess Assocjazzjoni kienet timponi f'kaz ta' inadempjenza dwar l-istess imsemmija rottot - u ghalhekk certament illi ma kienux dovuti lill-attur illi, wara l-15 ta' Awwissu 2008, abbanduna dak kollu illi kellu x'jaqsam mal-vettura, ossija xarabank, de quo, inkluz l-istess rottot, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment;*

**VII.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tieni u r-raba` talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, billi l-*

*esponent, bhala l-proprjetarju tal-vettura, ossija xarabank, de quo kellu kull dritt illi jitrasferixxi l-proprjeta` tal-istess imsemmija vettura lill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta;*

**VIII.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-tielet u r-raba` talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu resprinti, bl-ispejjez kontra l-attur, billi ghar-ragunijiet kollha gja` moghtija dwar l-ewwel tlett talbiet attrici, l-attur m'ghandu l-ebda dritt ghar-rifuzjoni ta' kwalsiasi sommom mhallsin mill-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta u mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku lil terzi u lill-esponent fir-rigward tal-vettura, ossija xarabank de quo;*

**IX.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-hames u s-sitt talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, billi in vista tan-natura tal-iskrittura tad-9 ta' Mejju 2003, ossija pactum cum riservata dominii, l-ammonti gja` mhallsa mill-attur favur l-esponent ghandhom jitqiesu bhala hlasijiet maghmulin minnu favur l-istess esponent, bhala kumpens, ossija kera, ghall-uzu tal-vettura, ossija xarabank de quo, liema uzu sahanstira ggenera introjtu sostanzjali ghall-istess attur fiz-zmien kollu illi matulu huwa kien qieghed jippossjedi u jaghmel uzu mill-istess imsemmija vettura;*

**X.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw illi jigu respinti, bl-ispejjez kontra l-attur, billi l-ebda ammont ma huwa dovut mill-esponent lill-attur u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment;*

**XI.** *ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, u wkoll minghajr ebda pregudizzju ghal-kontro-talba li qed tigi pprezentata kontestwalment, u f'kaz biss illi din l-Onorabbli Qorti tilqa` l-hames talba attrici kif dedotta, l-esponent ma jopponijx illi ssir it-tpacija mitluba fis-sitt talba attrici;*

Il-konvenut ressaq ukoll rikonvenzjoni li fiha qal:-

**I.** *Tiddikjara illi l-proprjeta` tal-vettura, ossija xarabank, bin-numru ta' registrazzjoni EBY 478, meritu tal-ftehim pactum com riservata dominii tad-9 ta' Mejju 2003, kienet u baqghet dejjem tal- esponent rikonvenzjonant billi l-attur rikonvenzjonat baqa` ma hallasx il-prezz kollu kif pattwit fuq l-istess imsemmi ftehim;*

**II.** *Tiddikjara illi, minhabba l-inadempjenza tal-attur rikonvenzjonat, l-istess attur rikonvenzjonat iddekada minn kull dritt ta' pussess u ta' uzu fuq tal-vettura, ossija xarabank, bin-numru ta' registrazzjoni EBY 478, u ghalhekk ma fadallu l-ebda drittijiet fuq l-istess imsemmija vettura ghal-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi;*

**III.** *Tikkundanna lill-attur rikonvenzjonat sabiex jaghmel dak kollu necessarju sabiex l-esponent rikonvenzjonant ikun jista` jikkonkludi t-trasferitment tal-licenza u tal-vettura, ossija xarabank, bin-numru ta' registrazzjoni EBY 478, favur l-Awtorita` ghat-Trasport f'Malta, skond il-ftehim tat-28 ta' Jannar 2010, inkluz billi jikkonsenja, lill-istess esponent rikonvenzjonant, il-pjaci relattivi ghar-registrazzjoni tal-istess imsemmija vettura.*

L-attur wiegeb:-

*1. Illi t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba ta' Wilfred Cardona huma interament infondati fil-fatt u fid-dritt u dan peress illi kif jirrizulta car mill-iskrittura sottoskritta mill-partijiet ghall-bejgh tax-xarabank relattiva ma kien hemm l-ebda intenzjoni da parti tal-partijiet li 'jikkwalifikaw' il-bejgh ta' bejniethom bhala 'hire purchase' jew 'pactum cum riservata dominii'. Jirrizulta fil-fatt li l-kuntratt ta' kompra-vendita sar minghajr dik ir-rizerva ta' titolu li hija essenzjali ghan-natura tal-kuntratta ta' 'hire purchase' jew 'pacta cum riservata dominii';*

*2. Illi b'referenza ghat-tielet klawsola tal-ftehim ghandu jinghad li jinsab diversi drabi deciz li dak li huwa rilevanti sabiex tigi stabbilita' l-proprjeta' tal-istess vettura ma hux dak li sar ai fini tat-trasferiment u tal-licenzja in kwistjoni izda dak li jirrizulta mill-ftehim tal-bejgh. L-iskop tar-regolament tal-licenzja hu biex jassigura li f'kull moment ikun hemm persuna ben identifikata lit kun responsabbli ghall-vettura registrata biex tirrispondi skond il-ligi ghal dak li seta' jigri bl-uzu ta' l-istess vettura. Dak li hu verament determinant huwa l-ftehim kontrattwali bejn il-kontraenti u l-kondizzjonijiet li jirregolaw tali ftehim. Jerga' jinghad li fil-kaz in ezami, fin-nuqqas ta' rizerva tat-titolu l-kuntratt kien necessarjament wiehed ta' bejgh;*

*3. Illi lanqas ma jistghu t-talbiet kontenuti fil-kontro-talba jirnexxu fil-konfront tal-esponenti anke minhabba l-fatt li l-esponenti ma ddekada minn ebda 'drittijiet ta' pussess u uzu' wisq anqas abbanduna xi obbligi tieghu bhala sid tax-xarabank;*

*4. Illi lanqas ma jista' Wildred Cardona jippretendi illi l-esponenti jikkollabora mieghu ghat-trasferiment favur tieghu tal-licenzja u tal-vettura u dan peress illi, ghar-ragunijiet kollha indikati fir-rikors guramentat tal-esponenti, tali trasferiment ikun sar bi ksur tad-drittijiet tal-esponenti bhala proprjetarju legittimu tax-xarabank 'de quo' u ta' dak kollu li fadal minnha;*

*5. Illi, minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet moghtija hawn fuq, il-pretensjonijiet tal-konvenut huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghaldaqstant ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.*

Il-qorti semghet il-provi u rat l-atti li jinkludu noti ta' sottomissjonijiet.

Il-kawza titratta dwar xarabank bin-numru EBY 478. Permezz ta' skrittura privata tad-9 ta' Mejju 2003 (fol. 7) l-attur xtara din il-vettura minghand il-konvenut ghall-prezz ta' Lm60,000 li kellhom jithallsu permezz ta' pagamenti fix-xahar ta' Lm250, ghall-ewwel sena, minn kull cekk li tohrog il-Public Transport Association u mbaghad pagamenti ta' Lm300. Fl-iskrittura jinghad ukoll li:-

*"3. Kull responsabbilta' bl-istess charbanc hi ghax-xerrej b'effett minn nhar il-Hadd 11 ta' Mejju 2003.*

*4. Il-bejjiegh jobbliga ruhu li jaghmel dak kollu necessarju sabiex jdawwru t-transfer b'isem ix-xerrej meta jithallas il-prezz kollu….*

*5. Is-sussidju sa ghadha 10 ta' Mejju 2003 hu ghall-bejjiegha u minn 11 ta' Mejju 2003 ghax-xerrej.*

*6. Il-flus tar-reklami sa ghada 10 ta' Mejju, 2003 ghall-bejjiegh w mill-11 ta' Mejju 2003 ghax-xerrej.*

*7. Ic-cheque li jmiss ghall-bejjiegh u ta' wara ghax-xerrej".*

Fil-lejl bejn il-15 u 16 ta' Awissu 2008 ix-xarabank inharaq (ara ritratti a fol. 244). Mill-investigazzjoni li ghamlu l-pulizija l-hruq kien doluz (ara ittra mibghuta mill-Ispettur Jesmond Borg lill-President tal-Assocjazzjoni tax-Xufiera a fol. 243).

Il-konvenut minn jeddu ghamel ftehim mal-Gvern u l-Awtorita tat-Trasport li bih ittrasferixxa x-xarabank u rrinunzja ghall-licenzja u li bih kellu jircievi kumpens ta' €103,000. A bazi ta' dak il-ftehim il-konvenut ircieva hlas ta: €10,300 fil-25 ta' Marzu 2010 u €20,600 fit-2 ta' Jannar 2011, total ta' **<u>€30,900</u>**. Fadal bilanc ta' €72,100 li jidher li gew sekwestrati f'idejn l-Awtorita' fuq talba tal-attur.

L-attur isostni li:

*"…. il-meritu tal-kawza odjerna…. tirrigwarda proprju jekk il-ftehim ezistenti bejn il-partijiet kienx wiehed ta' hire purchase kif argumentat mill-intimat jew jekk effettivament il-ftehim kienx wiehed ta' trasferiment ta' proprjeta tax-xarabank bin-numru ta' registrazzjoni EBY 478"* (nota ta' sottomissjonijiet).

L-attur jippretendi li hu sar proprjetarju tax-xarabank meta l-partijiet iffirmaw l-iskrittura fid-9 ta' Mejju 2003. Min-naha l-ohra l-konvenut argumenta li huwa kien u baqa' proprjetarju

tax-xarabank. Gialadarba hemm qbil bejn il-partijiet li din hi l-vertenza ta' bejniethom, il-qorti ser tipprocedi biex tiddeciedi dwar dan.

Fil-15 ta' Lulju 2009 il-konvenut ghamel dikjarazzjoni li biha ddikjara li b'effett immedjat kien qieghed jirrevoka l-ordni li c-cekk li tohrog il-Public Transport Association fir-rigward tax-xarabank EBY 478 jibqa' johrog f'isem l-attur, u kellu jibda johrog f'isem Carlos Cardona.

L-Artikolu 1347 tal-Kodici Civili jipprovdi:-

*"Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjeta tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej".*

Fil-kawza **Noel Gruppetta nomine vs Joseph Florian** deciza fid-29 ta' Jannar 1980 mill-Qorti tal-Appell, gie osservat:-

*"Fis-sentenza taghha Degiorgio vs Micallef, 16 ta' Dicembru, 1936 (Koll. Vol. XXIX.i.1438) din il-Qorti kienet qalet li kuntratt pretiz maghmul fuq il hire-purchase system ghandu jigi interpretat skond ma kienet il-fehma tal-partijiet meta kkonkludewh u jekk l' hekk imsejjah hire-purchaser ma jkunx zamm l-option li jhassar il-kuntratt billi jregga l-oggett lura, il-kuntratt, li fih il-partijiet ikunu ftehmu li l-oggett isir ta' proprieta tal-imsemmi hire-purchaser meta dan ikun hallas ir-rati kollha miftehma ghandu, avolja l-proprjeta ma tigix trasmessa hlief allura, jghaddi bhala bejgh".*

Imbaghad fil-kawza **A. Abela nomine vs M. Attard et** deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Frar 1957 (Volum XLI.ii.896) il-qorti qalet:-

*"Illi fil-vendita bil-patt tar-rizerva tad-dominju, l-istess patt jattribwixxi lill-venditur il-fakolta' li jirritarda t-trasmissjoni tal-proprjeta tal-haga mibjugha sal-mument meta javvera ruhu fatt, jew ighaddi certu zmien; u malli dak il-fatt jew zmien jivverifika ruhu, ma jkunx hemm bzonn ta' manifestazzjoni ohra gdida tal-volonta', jew xi attivita' ohra mill-parti tal-kontraenti jew xi hadd iehor, sabiex tavvera ruhha t-trasmissjoni tal-proprjeta. Minn dan jitnissel li sakemm ma javverax ruhu l-fatt kontemplat, jew jghaddi z-zmien stabbilit, il-venditur jibqa' l-proprjetarju tal-haga li tkun giet iffurmat oggett tal-kuntrattazzjoni tal-bejgh bil-patt fuq imsemmi".*

F’dan il-kaz fl-iskrittura ma saret l-ebda dikjarazzjoni espressa li:

(a) Il-proprjeta’ tax-xarabank tibqa’ tal-bejjiegh sakemm jithallas il-prezz kollu; jew li
(b) Ix-xerrej ikun jista’ jbiegh ix-xarabank bil-kunsens tal-bejjiegh jew diment li l-prezz ikun thallas kollu.

Il-qorti trid tiddetermina x’kienet l-intenzjoni tal-partijiet fil-mument li ffirmaw l-iskrittura tad-9 ta’ Mejju 2003.

F’sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Victor Soler nomine vs Josephine Pace et** deciza fis-6 ta’ Ottubru 1999, l-ewwel qorti kienet ikkonkludiet li obbligazzjoni tal-konvenuta li tittrasferixxi l-vettura biss bil-kunsens tal-attrici kienet tfisser biss obbligazzjoni tal-kompratrici li ma tbieghx il-vettura lil terzi u xejn iktar. Il-Qorti tal-Appell pero ma qablitx mal-interpretazzjoni tal-ewwel qorti ghaliex:

*"….. l-proprjeta’ tal-karozza kienet regolata bil-ftehim ta’ hire purchase li bih din kienet giet akkwistata mill-konvenut Chetcuti, u mhux minn xi dikjarazzjoni li saret mill-kontraenti ghall-fini tat-trasferiment tar-registrazzjoni u licenzja taghha. Il-kondizzjonjiet tal-bejgh huma dawk li jirrizultaw mill-ftehim tal-bejgh. Ma hemmx dubbju, u dan hu dikjarat espressament mill-kontraenti, illi hawn si tratta ta’ kuntratt ta’ hire purchase ossia location – vente, jew il-patt ta’ riservato dominio”.*

F’dak il-kaz fil-kuntratt kien hemm **kundizzjoni espressa** li l-vettura tibqa’ l-proprjeta tal-kumpannija venditrici sakemm jithallas il-prezz kollu bl-imghax u spejjez ohra. Fil-kaz in ezami m’hemmx dikjarazzjoni simili.

Hu minnu li fl-iskrittura tad-9 ta’ Mejju 2003 jinghad li l-attur *"…. Qieghed jixtri c-charabanc numru EBY 478”* (fol. 297). Fil-fehma tal-qorti, il-kelma **‘jixtri’** ma tistax wahedha tiddetermina n-natura tan-negozju guridiku. Ghalkemm l-attur xehed li: *"….. l-insurance kont immur inhallasha jien. Ix-xarabank kien ghandi. Jekk nitlef gurnata xoghol, jew imur xi tyre jew hsara fil-magna, dik responsabbilta tieghi…. Flus ta’ sussidji kont nircevihom jien. Dawn kienu jithallsu mill-Assocjazzjoni. Dawn kienu jigu ghandi ghax jien kont xtrajt ix-xarabank.”*, b’daqshekk ma jfissirx li l-proprjeta tax-xarabank ghaddiet ghand l-attur.

Il-qorti ghandha d-dmir li tara x'kienet l-intenzjoni tal-partijiet billi thares lejn is-sustanza u mhux tillimita ruhha ghall-kelma wahda biss. Hemm il-prova li x-xarabank baqa' registrat f'isem il-konvenut. L-attur xehed: *"**Nikkonferma li x-xarbank kien registrat f'ismu. Il-log book kien f'isem Cardona** waqt li dan kien fil-pussess tieghi"* (fol. 293). Qal ukoll (seduta 30 ta' Marzu 2012, fol. 293): *"Jien ix-xarabank ma stajtx inbieghu. Kelli bzonn il-permess ta' Cardona biex inbieghu"*.

Il-qorti temmen li dik il-kundizzjoni kienet pjuttost garanzija biex jigi assigurat li Cardona jithallas dak li fil-fatt kien dovut lilu mill-bilanc tal-prezz. Dan apparti li l-ftehim kien jipprovdi li r-riskju ghadda fuq l-attur[1]. Hemm ukoll dak li nghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **Giuseppe Degiorgio vs Emanuele Micallef** deciza fis-16 ta' Dicembru 1936 (Volum XXIXi.1438)[2]. Fil-kaz in ezami ix-xerrej (l-attur) ma kellu l-ebda ghazla. Sahansitra l-kuntratt jipprovdi li f'kaz ta' morozita ta' tlett skadenzi l-attur jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu. Hu veru li l-attur xehed li ma setax ibiegh ix-xarabank. Ovvjament dan kien minhabba li x-xarabank baqa' registrat f'isem Cardona u ghalhekk kien ifisser li xerrej prospettiv kien ser jezigi li r-registrazzjoni tax-xarabank iddur fuqu. Fil-fehma tal-qorti hu f'din l-ottika li l-attur qal li kellu bzonn il-kunsens tal-konvenut sabiex ibiegh. B'daqshekk ma jfissirx li kien qieghed jirrikonoxxi li l-konvenut kien ghadu proprjetarju tax-xarabank.

Parti mill-pretensjoni tal-attur hi l-flus li l-Assocjazzjoni hallset minn Lulju 2009. Mill-provi rrizulta kif ghal xi zmien l-attur kompla jopera r-rotta sabiex jithallas il-konvenut u meta waqaf kien inkariga lil Angelo Fenech sabiex isib lill-haddiehor biex ikomplu jahdmu r-rotta. Hu evidenti li l-attur sab ruhu f'sitwazzjoni fejn ma kienx possibbli ghalih li jkompli jaghmel ix-xoghol u jonora l-pagamenti li kienu dovuti lill-attur. Jidher li ghall-ewwel ghadda x-xoghol tax-xarabank lil certu Angelo Fenech u dan eventwalment spicca ghand certu Francis Galea. Mill-atti jirrizulta li wara li f'Awissu 2008 inharaq ix-xarabank, il-konvenut baqa' jithallas ghal certu zmien. Fil-fatt il-Public Transport Association baqghet tohrog ic-cekk f'isem l-attur u jsir hlas lill-konvenut. Hekk baqa' jsir sal-5 ta' April 2009 (ara *payment reports* a fol. 152-168 u rendikont a fol. 316-324). Pero' wara, ghalkemm l-attur baqa' registrat mal-Assocjazzjoni sat-12 ta' Lulju 2009 (ara fol. 169-175), il-konvenut ma baqax jircievi hlas. Fil-fatt mir-rendikont li pprezenta Victor Spiteri, li dak iz-zmien kien il-President tal-Assocjazzjoni, jirrizulta li ma kienx hemm flus x'jithallsu. Dan ifisser li l-konvenut ma kienx qieghed jithallas il-pagamenti pattwiti skond l-iskrittura tad-9 ta' Mejju 2003 li fi klawzola 1 kienet tipprovdi li: *"…. bid-dekadenza mill-beneficcju f'kaz ta' morozita ta' tlett pagamenti jew ammont ekwivalenti"* (fol. 7). L-attur stess xehed: *"Ix-xoghol tajtu lil Golu (Albert Fenech). Issa x'ghamel Golu affari tieghu"* (342). Kliem li ghall-qorti juri li l-attur hasel idejh mix-xoghol li kien abbinat max-xarabank in kwistjoni. Li kieku Cardona baqa' jithallas il-prezz permezz ta'

---

[1] *"Kull responsabbilta' bl-istess charabanc hi ghax-xerrej b'effett minn nhar il-Hadd 11 ta' Mejju 2003"* (klawzola 2).

[2] *"Dan il-kuntratt ghandu jigi nterpretat skond ma kienet il-fehma tal-partijiet meta kkonkludewh. Jekk ix-xerrej ma zammx il-patt li jista' jxolji l-kuntratt billi jregga' l-oggett lura, il-kuntratt ghandu jghaddi bhala bejgh, avolja l-proprjeta' ta' l-oggett ma kellhiex tghaddi favur ix-xerrej qabel ma jithallas il-prezz kollu"*.

pagamenti kif pattwit fil-kuntratt, l-attur ma kienx ser jammetti li llum ghad hemm dovut is-somma ta' €47,766.20[3]. L-obbligu tal-hlas kien ta' Fenech u ta' hadd iktar. Kien fid-dmir tieghu li jizgura li Cardona qieghed jithallas il-prezz li kien ghad fadal. Pero' dan m'ghamlux. Ma kienx bizzejjed li jaqbad u jghaddi x-xoghol lil haddiehor. Din ma kienet l-ebda garanzija li Cardona ser jithallas x'kien dovut lilu. Id-dmir tal-attur kien li jizgura li x-xoghol li qabel kien qieghed jinhadem mix-xarabank EBY 478 kien qieghed isir u jhalli qliegh li minnu kull 15 il-jum jithallas pagament lill-konvenut fit-termini tal-kuntratt tad-9 ta' Mejju 2003. Alternattivament kellu jizgura li jhallas il-pagamenti miftehema fil-kuntratt. Pero' jidher li l-attur ma hax iktar interess fil-materja, in kwantu x-xarabank kien inharaq u hu ma kellux il-mezzi biex jahdem ir-rotta abbinata max-xarabank EBY 478.

Irrizulta kif il-konvenut kien ta struzzjonijiet sabiex ic-cekk li kien jinhareg f'isem l-attur mill-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku, jibda jinhareg f'isem huh Carlos Cardona. L-attur xehed li kien sar jaf b'dan 'il fatt fit-28 ta' Lulju 2009. Hu evidenti li baqa' passiv. L-attur ipprova jiggustifika dan l-atteggjament billi qal:-

*"Jien ma kontx kuntent b'dak li ghamlu Cardona, imma ladarba jien kelli natihom, hallejt dak l-arrangament biex mill-pagament li qed johrog il-PTA ikompli jonqos il-prezz tax-xarbank"* (fol. 342).

Il-qorti m'hijiex sodisfatta b'din l-ispjegazzjoni. Ghall-qorti hu evidenti li f'dak l-istadju ma kienx qieghed jaghmel sforz biex jara li x-xarbank jahdem ir-rotot u jhalli qliegh li minnu kellu jibqa' jithallas l-attur. Hu car li l-attur addotta atteggjament passiv. Sahansitra ma ha l-ebda passi sabiex id-dikjarazzjoni unilaterali li saret mill-konvenut (datata 15 ta' Lulju 2009, fol. 8), tithassar. L-atteggjament passiv li addotta ma jistax jigi nterpetat ghajr li ma kellux oggezzjona ghal dak li ghamel il-konvenut.

Ladarba l-konkluzjoni tal-qorti hi li sehh bejgh, mela l-konvenut ma kellu l-ebda jedd li jittrasferixxi x-xarabank, jew dak li kien fadal minnu, flimkien mal-accessorji tieghu lill-Gvern. Kellu l-obbligu li jinvolvi lill-attur f'dak li kien qieghed jaghmel. Ghaldaqstant meta l-konvenut ghamel il-ftehim mal-Gvern (Dok. XX2 a fol. 264), ma kellux dritt li jhalli lill-attur barra mix-xena. Dan ifisser li mill-prezz miftiehem bejn il-Gvern u l-konvenut, irid:-

i. L-ewwel jithallas il-bilanc tal-prezz dovut lill-konvenut flimkien mal-imghax gialadarba hu evidenti li l-attur kien iddekada mill-beneficcju tat-terminu ghaliex il-pagamenti tal-prezz ma tkomplewx;

[3] Somma li ma tiehux in konsiderazzjoni pagamenti li rcieva l-konvenut fit-termini tal-ftehim li ghamel ma' l-Awtorita tat-Trasport.

ii. Jekk jifdal bilanc ghandu jiehdu l-attur.

Ghal finijiet ta' kalkoli l-qorti tosserva li:-

i. Il-hlasijiet li saru mill-Assocjazzjoni in konnessjoni max-xoghol li sar minn Lulju 2009, m'ghandux jigi kkunsidrat. Dak ix-xoghol ma kienx inhadem mill-attur jew minn terza persuna ghan-nom tieghu. Ghalhekk l-attur m'ghandu jircievi l-ebda beneficcju minn dawk il-hlasijiet u hu evidenti li f'dak l-istadju l-attur wera nuqqas ta' nteress.
ii. Il-kontendenti jaqblu li sa dak iz-zmien kien ghad fadal bilanc x'jithallas ta' €47,916.29. F'dan ir-rigward il-qorti taghmel riferenza ghal:-

(a) affidavit tal-attur fejn qal: *"Saz-zmien li fih kont ghadni qed inhallas, il-bilanc dovut, in vista wkoll tal-fatt illi imghaxijiet ma kienux qeghdin jiddekkorru skond kif konna ftehemna, kien €47,916.20"* (fol. 12). Ghalkemm qal li hallas €150 ohra, ma tax prova ta' meta u kif.
(b) affidavit tal-konvenut li kkonferma li l-konvenut kien ihallas permezz ta' pagamenti ta' €698.81 kull hmistax-il gurnata u *"kien ghad fadal bilanc ta' €47,916.29"* (fol. 302).

Skond il-kuntratt tad-9 ta' Mejju 2003 (fol. 7), l-attur kellu jiddekadi mill-beneficcju tat-terminu fl-eventwalita' ta' tlett pagamenti (klawzola 1). Mill-payment reports tal-Assocjazzjoni jirrizulta li l-ahhar hlas li sar minn Fenech kien fit-22 ta' Marzu 2009. Ghaldaqstant fis-27 ta' April 2009 l-attur iddekada mill-beneficcju tat-terminu. Peress li l-obbligazzjoni hi ta' natura kummercjali, f'dan il-kaz ma kienx hemm bzonn li l-attur jigi nterpellat. L-imghax jiddekorri minnufih.

Ghaldaqstant, skond il-kalkoli li ghamlet il-qorti:-

Kapital fis-27 ta' April 2009 ........................€47,916.29

Imghax sa 25 ta' Marzu 2010[4]........................€3,486.73

Hlas maghmul fil-25 ta' Marzu 2010...............(€10,300)

Bilanc dovut **€41,103.02**.

[4] Data meta sar l-ewwel pagament mill-Gvern fl-ammont ta' €10,300.

Kapital fis-26 ta' Marzu 2010 ........................€41,103.02

Imghax sat-2 ta' Jannar 2011[5] .......................€2,538

Hlas maghmul fit-2 ta' Jannar 2011.................(€30,900)

Bilanc dovut lill-attur **€12,741.02** u jibqa' jiddekorri l-imghax sad-data tal-hlas.

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi:-**

1. **Tichad l-ewwel talba.**
2. **Tichad l-eccezzjonijiet fil-meritu li nghataw dwar it-tieni talba u tilqa' t-tieni talba.**
3. **Tilqa' s-sitt eccezzjoni in kwantu x-xoghol ma nhadimx mill-attur, u tichad it-tielet talba[6].**
4. **Tichad ir-raba' talba u dan in kwantu l-attur kien u ghadu debitur tal-attur fir-rigward tal-prezz tax-xarbank EBY 478.**
5. **Tilqa' l-hames talba bil-mod kif spjegat hawn fuq limitatament ghal dak li jirrigwarda hlasijiet li saru mill-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta.**
6. **Fir-rigward tas-sitt talba tikkundanna lill-konvenut sabiex mill-ahhar hlas maghmul skond il-ftehim li ghamel mal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta fit-28 ta' Jannar 2010, jirrifondi l-bilanc li jibqa' lill-attur wara li jzomm ghalih is-somma ta' tnax-il elf seba' mija u wiehed u erbghin ewro u zewg centezmi (€12,741.02) flimkien mal-imghax kalkolat sal-lum.**
7. **Tichad it-talbiet rikonvenzjonali.**

**Spejjez jinqasmu in kwantu ghal 85% a karigu tal-konvenut u 15% a karigu tal-attur, b'dan li l-ispejjez konnessi mar-rikovenzjoni huma a karigu kollha tal-konvenut.**

[5] Data meta sar it-tieni pagament mill-Gvern fl-ammont ta' €20,600.

[6] Ghalkemm fit-tielet talba r-riferenza hi ghall-Awtorita' tat-Trasport Pubbliku, il-qorti tifhem li l-attur kien qieghed jirreferi ghall-Assocjazzjoni tat-Trasport Pubbliku ghaliex fir-raba' talba qieghed jitlob ukoll rifjuzjoni tal-flus li thallsu minn Trasport Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------